VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,227, 28 ta' Marzu, 2014
Taqsima B

A.L. 98 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Probation Services taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Kriminoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Probation Services, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Probation Services taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Kriminoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 362 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinamenti 3 u 4 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-24 ta' Jannar, 2014 'il quddiem.

(2) L-ordinamenti 5 sa 11 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Probation Services taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Probation Services taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Probation Services;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Probation Services;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Probation Services; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Il-paragrafi (5) u (6) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (4) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(5) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd tal-applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(6) Meta n-numru ta' postijiet ikun limitat u n-numru tal-applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin u li l-piż tagħhom għandu jkun ippubblikat fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza ta' xogħol fil-qasam tal-istudju propost; u
(c) il-livell milħuq waqt intervista."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time*."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

7. Il-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinament prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 5.

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu għal taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fil-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni supplimentari tal-eżamijiet ta' Settembru."

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

9. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji, fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu."

It-Tħassir tal-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali

10. L-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali

11. L-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 12.